MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 298/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti kellu relazzjoni mal-intimata li hija ta’ nazzjonalita’ Franciza, minn liema relazzjoni huma kellhom tifla, senjatament E B li twieldet fit-22 ta’ Awissu 2007 gewwa l-Argentina, skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv tal-minuri, li kopja tieghu qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok. “A”.

Illi r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet intemmet f’Jannar tas-sena 2008 in vista tal-fatt illi l-intimata kellha u ghad ghandha l-vizzju tax-xorb.

Illi sa mit-twelid taghha, l-esponenti segwa mill-qrib l-izvilupp ta’ bintu minuri tant illi minn Awissu tas-sena 2008, l-istess minuri bdiet tirrisjedi mal-istess esponenti wara li kienet l-istess intimata li talbitu jiehu lill-minuri mieghu minn Franza peress illi hija kienet qed tippjana li tibda tattendi programm ta’ riabilitazzjoni.

Illi cionostante l-intimata naqset ma attendietx l-istess programm u sa llum hija naqset bl-aktar mod assolut milli tindirizza l-problemi taghha u dan nonostante l-fatt illi kemm l-esponenti kif ukoll diversi professjonisti fi Franza ppruvaw jaghtuha l-ghajnuna taghhom f’dan ir-rigward.

Illi l-esponenti jirrileva bir-rispett illi l-intimata m’hijiex kapaci tiehu hsieb lil bintha minuri b’dan illi fil-ftit zmien illi hija ghamlet maghha rrizulta li l-ambjent li kienet qed tghix fih il-minuri ma kienx wiehed adegwat ghaliha tant illi kien mehtieg l-intervent ta’ haddiema socjali u professjonisti ohra gewwa Franza kif ukoll il-hrug ta’ *fostering order* temporanja mill-Qrati Francizi bl-ghan illi jigu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri odjerni.

Illi effettivament dan kollu huwa kkonfermat fir-rapporti tal-haddiema socjali u l-infermiera pedjatrika Francizi li segwew mill-qrib lill-intimata u li waslu ghall-konkluzjoni li l-istess intimata m’hijiex stabbli bizzejjed sabiex tiehu hsieb lill-minuri u dan skond ma jirrizulta mir-rapporti relattivi li qed jigu, annessi, esebiti u mmarkati kollettivament bhala Dok. B, flimkien ma’ traduzzjoni fil-lingwa Ingliza tal-istess immarkati bhala Dok. C.

Illi ghalkemm l-esponenti ghamel diversi tentattivi sabiex jghin lill-esponenti teghleb il-problema taghha u in oltre pprova ukoll jinkoragixxi l-access bejn l-intimata u bintha minuri l-istess tentattivi sfaw kollha fix-xejn stante illi l-intimata sa llum ghadha ta’ periklu ghal bintha minuri.

Illi l-esponenti ghandu ghal qalbu l-interessi ta’ bintu minuri li f’eta’ daqshekk tenera tehtieg attenzjoni u kura kontinwa li hu jista’ jipprovdilha.

Illi effettivament permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Franciza u datata 26 ta’ Mejju 2009, gie ordnat illi l-minuri E B tigi fdata f’idejn l-esponenti, li jirrisjedi gewwa Malta, ghal perjodu ta’ sitt xhur, senjatament mis-26 ta’ Mejju 2009 sas-26 ta’ ta’ Novembru 2009, u dan skond ma jirrizulta mill-kopja tal-istess sentenza li qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. D, flimkien ma’ traduzzjoni fil-lingwa Ingliza tal-istess immarkata Dok. E;

Illi ai termini tal-istess sentenza, il-minuri qed tirrisjedi mal-esponenti f’Malta, fejn il-minuri ghandha ukoll diversi familjari u hbieb.

Illi in vista ta’ dak kollu premess, l-esponenti jirrileva bir-rispett illi jkun fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghha jigu fdati f’idejn l-esponenti li diga’ wera, kif ikkonfermat ukoll mill-Qrati Francizi, li huwa kapaci jiehu hsieb lil bintu u jhares l-interessi taghha.

Illi l-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E B mwielda fit-22 ta’ Awissu 2007 tigi fdata unikament f’idejn l-esponenti;

Tawtorizza lill-istess esponenti jiehu kwalunkwe decizjonijiet illi jkunu mehtiega rigwardanti l-istess minuri inkluz izda mhux limitat ghal dawk ta’ sahha u edukazzjoni;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u oportun fl-interess suprem tal-minuri E B.

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi qieghda tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikata fil-pajjiz ta' residenza taghha, Franza skond il-ligi, din ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f'din il-kawza qed jitlob kura u kustodja ta' bintu minuri peress illi ommha m'hijiex f'qaghda li tiehu hsiebha. Il-minuri ilha tghix mal-missier ghal xi snin. Il-Qorti Franciza akkordat il-kura u kustodja tal-minuri b'mod temporanju sakemm il-Qrati Maltin jaslu ghal decizjoni finali stante li t-tifla ghandha r-residenza taghha f'Malta.

Il-Qorti Franciza, sabiex waslet ghad-decizjoni taghha li l-missier huwa l-aktar persuna idoneja sabiex irabbi t-tifla, ezaminat rapporti ta' esperti medici u haddiema socjali (li kopji taghhom gew prezentati ukoll fl-atti ta' din il-kawza), li kollha kienu tal-fehma li l-hafna problemi tal-omm, li jirrizultaw mill-abbuz sfrenat tal-alkohol, jirrendu lill-omm inkapaci li tiehu hsieb bintha u li l-missier wera, min-naha l-ohra, li hu kien genitur idoneju.

Infatti f'okkazjoni meta l-missier halla t-tifla fi Franza ghax l-omm weghdet li ser tiehu hsieb tal-problemi taghha, kienu l-haddiema socjali stess li hadu t-tifla b'urgenza. Il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Qorti Franciza ma gew kontestati bl-ebda mod u din il-Qorti ma ssib ebda raguni li, min-naha taghha ma taccettahomx.

Din il-Qorti tqis ukoll ferm ta' piz il-fatt li l-Qorti ddecidiet li lanqas access m'ghandu jkollha l-omm sakemm tibda teghleb il-problemi taghha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet tal-attur u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E B li twieldet fit-22 ta' Awissu 2007, unikament f'idejn il-missier John B.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------